FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 1510/00JR**

**Equipment Hire Limited**

**vs**

**Adrian Cachia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' tmienja u disghin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm98.64) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' ghodda minghand is-socjeta` attrici, kif ukoll, tirritorna l-istess ghodda entro terminu qasir u perentorju kif stabbilit minn dan it-Tribunal;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' sitt liri u hamsin centezmu (Lm6.50) ta' l-ittra legali datata 6 ta' Settembru, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkusidra:**

**Illi hemm talba ghar-ritorn ta' l-oggetti, kwistjoni li ma taqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal, u ghaldaqstant it-tribunal ma jistghax jiehu konjizzjoni ta' din it-talba. Pero` t-talba ghall-hlas ta' flus dovuti mill-konvenut tirrizulta gustifikata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara ruhu mhux kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni dwar it-talba ghar-restituzzjoni ta' oggetti, jilqa' t-talba ghall-hlas ta' flus, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmienja u disghin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm98.64), bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Settembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 6 ta' Settembru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**